MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. GABRIELLA VELLA

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2012

Avviz Numru. 383/2011

**Mary Anne Bugeja**

**Vs**

**Roderick Bezzina**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Mary Anne Bugeja fis-16 ta' Novembru 2011 permezz ta' liema titlob li Roderick Bezzina jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' erbat elef sitt mija tmienja u hamsin Euro u hamsa u sebghin centezmu (€4,658.75) rapprezentanti somma lilu mislufa fit-23 ta' Ottubru 1997 u minnu mhux imhallsa minkejja diversi interpellazzjonijiet u konsegwenti weghdiet ta' hlas, bl-imghax legali bir-rata ta' 8% dekoribbli mit-23 ta' Ottubru 1997 sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez giudizzjarji, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sewkestru Kawtelatorju pprezentat kontestwalment mar-Rikors promotur, kontra l-konvenut;

Rat id-dokumenti annessi mar-Rikors promotur markati Dok. “A”, Dok. “B” u Dok. “C” a fol. 2 sa’ 4 tal-process;

Rat ir-Risposta ta’ Roderick Bezzina permezz ta’ liema jopponi ghat-talba ta’ l-attrici stante li hija infondata fil-fatt u fid-dritt, u dan kif ser jigi minnu ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Semghet ix-xhieda ta’ l-attrici moghtija waqt is-seduta tat-13 ta’ Marzu 2012[1] u rat id-dokument esebit mill-attrici permezz ta’ Nota pprezentata fit-13 ta’ Marzu 2012 markata Dok. “A” a fol. 18 tal-process;

Rat li waqt is-seduta ta’ l-20 ta’ April 2012 il-konvenut iddikjara li ma ghandux provi x’jressaq u li jistrih fuq id-dokumenti li hemm fl-atti;

Semghet it-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-process;

**Ikkunsidrat:**

Bl-azzjoni odjerna l-attrici titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta’ €4,658.75, rapprezentanti somma flus lilu mislufa fit-23 ta’ Ottubru 1997 u minnu mhux imhallsa lura minkejja diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas u konsegwenti weghdiet ta’ hlas.

Bir-Risposta pprezentata fid-9 ta’ Marzu 2012 il-konvenut laqa’ ghat-talba attrici bl-eccezzjoni piuttost generika li t-talba taghha hija infondata fil-fatt u fid-dritt, izda imbaghad waqt it-trattazzjoni orali bbaza d-difiza tieghu fuq l-affermazzjoni li t-talba ta' l-attrici ghall-hlas tas-somma ta’ €4,658.75 hija intempestiva ghaliex saret qabel ma ghalqu sitt snin dekoribbli mis-17 ta’ Settembru 2008, ossia d-data meta huwa mill-gdid irrikonoxxa d-debitu tieghu fil-konfront ta’ l-attrici.

[1] Fol. 19 u 20 tal-process.

Il-konvenut jorbot l-obbligu tieghu tal-hlas lura lill-attrici tas-somma ta’ €4,658.75 mat-terminu ta’ sitt snin in bazi ghal mod kif gie effettwat is-self fit-23 ta’ Ottubru 1997, u cioè li ma giex stabbilit zmien specifiku ghall-hlas lura tas-somma mislufa u l-ammont misluf kellu jintradd lura bl-imghax. Huwa jallaccja d-dekors ta’ dan it-terminu ta’ sitt snin mad-data tas-17 ta’ Settembru 2008, ghaliex f’dik id-data b' dikjarazzjoni li ghamel a favur l-attrici – Dok. “C” a fol. 4 tal-process – huwa gie li rrinunzja ghal kwalunkwe terminu ta’ preskrizzjoni li seta’ lahaq iddekorra sa’ dakinhar u skontu l-ftehim originali gie ravvivat bil-konsegwenza li t-terminu ta’ sitt snin ghall-hlas rega’ beda jiddekorri mill-gdid minn dakinhar.

Filwaqt li l-Qorti taqbel mal-konvenut li bil-mod kif gie effettwat is-self fit-23 ta’ Ottubru 1997 is-somma ta’ €4,658.75 kellha tithallas lura fi zmien sitt snin mid-data tas-self, assolutament ma taqbilx mal-pretensjoni tieghu li l-imsemmi terminu ta’ sitt snin rega’ beda jiddekorri mill-gdid mis-17 ta’ Settembru 2008 bil-konsegwenza li t-talba attrici hija intempestiva. Fil-fehma tal-Qorti din il-pretensjoni tal-konvenut hija bbazata fuq interpretazzjoni ghal kollox zbaljata ta’ l-istitut tal-preskrizzjoni.

L-Artikolu tal-Ligi li jistabilixxi z-zmien ghall-esekuzzjoni ta’ obbligazzjoni meta tali zmien ikun thalla fir-rieda tad-debitur huwa l-Artikolu 1078(a) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta, li jipprovdi illi *jekk iz-zmien ghall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni jkun gie mholli fir-rieda tad-debitur, jew jekk ikun gie miftiehem illi d-debitur ghandu jesegwixxi l-obbligazzjoni meta jkun jista’, jew meta huwa jkollu l-mezzi biex jesegwiha, ghandhom jitharsu r-regoli li gejjin: (a) jekk l-obbligazzjoni ghandha bhala oggett taghha l-hlas ta’ somma ta’ flus, dik ghandha tigi esegwita fi zmien sentejn, jekk din is-somma ghandha tinghata minghajr imghax, jew, fi zmien sitt snin jekk is-somma ghandha tinghata bl-imghax.*

Mid-dokument markat Dok. “A” a fol. 2 tal-process jirrizulta li fit-23 ta’ Ottubru 1997 il-konvenut issellef *is-somma ta’ Lm2000 (Elfejn Lira Maltin)* [illum ekwivalenti ghal

€4,658.75] *minghand Joe/Miriam Bugeja ta' "St. Raymond" Lyceum Avenue, Hamrun* u li *din is-somma ghandha tinghata lura flimkien ma' 8% imghax f'iqsar zmien possibbli*. Meta l-modalità tas-self jew ahjar tal-hlas lura tas-somma ta' Lm2,000 [€4,658.75] jigi kkunsidrat fid-dawl ta' l-imsemmi provvediment tal-Ligi, jirrizulta immedjatament evidenti li s-somma kellha tithallas fi zmien sitt snin mid-data tas-self, ossia sat-23 ta' Ottubru 2003. Kuntrarjament però ghal dak pretiz mill-konvenut, tali terminu ta' sitt snin ma regax beda jiddekorri mill-gdid in segwitu ghad-dikjarazzjoni tieghu datata 17 ta' Settembru 2008 fejn b'risposta ghall-ittra ta' l-attrici datata 26 ta' Awwissu 2008 irrikonoxxa li *jiena ghandi naghtik din is-somma ta' flus li tidher hawn fuq ta' Lm2000 (€4,658.75) li inti kont selliftni. Però jiena ma nistax intik data meta ser inhallas. Kif inkun f'posizzjoni li nista' nhallas naghmel dan minnufih.*

Kif già iktar 'l fuq osservat il-konvenut jikkontendi li b'dik id-dikjarazzjoni huwa irrinunzja ghal kwalunkwe terminu ta' preskrizzjoni li kien lahaq iddekorra sa' dakinhar u b'hekk gie ravvivat l-arrangament li kien hemm fit-23 ta' Ottubru 1997, bil-konsegwenza li t-terminu ta' sitt snin rega' beda jiddekorri mill-gdid. Meta tali pretensjoni però tigi kkunsidrata fid-dawl ta' l-istitut tal-preskrizzjoni jirrizulta immedjatament evidenti li hija guridikament insostenibbli.

Ai termini ta' l-Artikolu 2107 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta *l-preskrizzjoni hija mod ta' akkwist ta' jedd b'pussess kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku, u mhux ekwivoku, ghal zmien li tghid il-ligi* – preskrizzjoni akwizittiva/usucapione, *il-preskrizzjoni hija wkoll mezz sabiex wiehed jehles minn azzjoni meta l-kreditur ma jkunx ezercita l-jedd tieghu ghal zmien li tghid il-ligi* – preskrizzjoni estintiva. Ma hemmx dubju li fil-kaz in ezami t-tip ta' preskrizzjoni li tista' u ghandha tigi ikkunsidrata hija dik estintiva, u cioè li bid-dekors taz-zmien prefiss fil-Ligi l-kreditur li ma jkunx agixxa fil-konfront tad-debitur jitlef il-jedd ta' azzjoni fil-konfront tieghu.

Kif osservat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Kontrollur tad-Dwana v. Wallace Fino, Rikors Nru. 1982/96**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Ottubru 2003, *il-preskrizzjoni hi sostantivament kollokata mal-meritu tat-talba, rikonoxxuta fl-interess pubbliku bl-iskop li jigi eliminat il-kuntrast bejn sitwazzjoni ta' fatt u sitwazzjoni ta' dritt, u rikjesta wkoll mill-esigenza li tigi assikurata certezza fir-rapporti guridici. Hi allura mod ta' estinzjoni tad-drittijiet rikonodotta ghall-ideja tar-rinunzja tacita tat-titolari tad-dritt*[2]*. Li jfisser illi l-Qorti hi fid-dmir li taccerta ruhha jekk il-meritu jinsabx affettwat mill-fatt illi l-pretendent tat-talba kienx jaf bl-istat ta' fatt li kien jintitolah jezercita dritt u hu halla dak l-istat ta' fatt jipprogredixxi minghajr ma agixxa ghad-dritt tieghu, fiz-zmien utli. Cirkostanza din li tincidi fuq il-meritu jekk jinsab illi bl-inazzjoni tieghu huwa gie li rrinunzja ghall-prosegwiment tad-dritt.*

Il-preskrizzjoni estintiva ghalhekk tolqot il-jedd ghall-azzjoni tal-kreditur fil-konfront tad-debitur, liema jedd irid jigi ezercitat entro termini ta' zmien partikolari (u dana skont il-kaz li jkun) minn dakinhar li tali jedd ta' azzjoni seta' effettivament jigi ezercitat, u mhux id-drittijiet akkwiziti tal-kreditur fil-konfront tad-debitur nascenti mir-rapport guridiku ta' bejniethom, tant illi l-preskrizzjoni tista' tigi interotta jew addirittura rinunzjata da parte tad-debitur.

Kif osservat fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Abela v. Francis Cassar et noe et, Citaz. Nru. 1733/92** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Jannar 2002, *fil-kaz li r-rikonoxximent isir wara li l-preskrizzjoni tkun già kompjuta allura dan l-att da parti tad-debitur jgib mieghu rinunzja ghall-istess preskrizzjoni u din bhal fil-kaz ta' interruzzjoni tkun tista' terga' tibda mixja mill-gdid. … Gie wkoll ritenut illi r-rinunzja ghall-preskrizzjoni hija aljenazzjoni favur il-kreditur tad-dritt akkwistat mid-debitur (Gargani v. Sant, deciza minn din il-Qorti fl-14 ta' Novembru 1873). Fl-iskorta ta' dan l-insenjament gie deciz illi f'kaz fejn it-terminu preskrittv ikun gjà iddekorra wiehed ma setax jitkellem strettament minn interruzzjoni ta' perjodu*

[2] Sottolinear ta' din il-Qorti.

*preskrittiv imma ta' rinunzja ghall-perjodu preskrittiv già akkwista. Fil-konfront tad-debitur l-effetti prattici jkun tista' tghid l-istess.* U kif osservat fis-sentenza fl-ismijiet **Perit Joseph Barabara et v. Segretarju tal-War Damage Commission, Citaz. Nru. 1196/80** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Ottubru 2003, *kif josserva l-Laurent ir-rikonoxximent huwa rinunjza "Chi riconosce i diritti del creditore fa una rinuncia … il riconoscimento implica una rinunzia; coll' ammetere il diritto della persona contro la quale si sta prescrivendo io rinuncio a valermi del tempo già corso a mio profitto[3]'. Il-gurisprudenza Maltija [Prim' Awla Farrugia vs Perini] ikkunsidrat l-interruzzjoni anki bhala l'abdicazione di un diritto [App. Civ. Alfred Brownrigg v. Giuseppe Fenech].*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami jirrizulta li ladarba d-dritt ta' l-attrici li tithallas mill-konvenut is-somma ta' Lm2,000, illum ekwivalenti ghal €4,658.75, sar esegibbli fit-23 ta' Ottubru 2003, minn dakinhar hija kellha kull dritt li tipprocedi giudizzjarjament fil-konfront tal-konvenut ghall-hlas ta' l-imsemmija somma. Bid-dikjarazzjoni tas-17 ta' Settembru 2008, sa' liema zmien l-attrici kienet ghadha ma pprocedietx giudizzjarjament fil-konfront tiehgu, il-konvenut gie li rrinunzja ghal kwalunkwe terminu ta' preskrizzjoni li seta' iddekorra favur tieghu u ghalhekk il-jedd ta' l-attrici li tipprocedi giudizzjarjament fil-konfront tieghu ghall-kreditu li, jigi ribadit, sar esegibbli fit-23 ta' Ottubru 2003, rega' beda jiddekorri mill-gdid. Dik ir-rinunzja però bl-ebda mod ma effettwat l-esigibilità tal-kreditu da parte ta' l-attrici ghaliex kif iktar 'l fuq osservat[4] ir-rinunzja ghall-preskrizzjoni **hija aljenazzjoni favur il-kreditur tad-dritt akkwistat mid-debitur** u mhux vice versa. Ir-rinunzja ghall-preskrizzjoni ma tistax u ma ghandhiex tigi interpretata bhala li twassal ghall-alljenazzjoni favur id-debitur tad-dritt akkwistat mill-kreditur – fil-kaz in ezami l-esigibilità tal-kreditu – ghaliex altrimenti tkun qed tinghata tifsira guridika ghal kollox differenti minn dik li fuqha jinsab ibbazat l-istitut tal-preskrizzjoni.

---

3 Sottolinear ta' din il-Qorti.
4 Joseph Abela v. Francis Cassar et noe et, Citaz. Nru. 1733/92 deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Jannar 2002.

Fid-dawl ta’ dan kollu osservat ghalhekk huwa ferm evidenti li kuntrarjament ghal dak pretiz mill-konvenut l-azzjoni attrici ma hijiex intempestiva u konsegwentement l-attrici ghandha kull dritt tippretendi li tithallas l-ammont ta’ €4,658.75 minghand il-konvenut.

Id-dikjarazzjoni tas-17 ta’ Settembru 2008 lanqas ma tista’ titqies bhala xi ftehim gdid bejn l-attrici u l-konvenut dwar il-modalità tal-hlas tas-somma ta’ €4,658.75 ghaliex dik hija dikjarazzjoni unilaterali tal-konvenut fejn jirrikonoxxi li ghandu jhallas lill-attrici izda jghid li ma jistax jaghti data meta effettivament jista’ jhallasha. Il-fatt li l-attrici ma pprocedietx immedjatament fil-konfront tieghu lanqas ma ghandu jigi interpretat bhala xi forma ta’ accettazzjoni da parte taghha li tibqa’ tistenna sakemm il-konvenut ikun f’posizzjoni li jhallasha.

Fid-dawl tad-dikjarazzjoni tal-konvenut tas-17 ta’ Settembru 2008 ma hemmx dubju li huwa jirrikonoxxi li huwa debitur ta’ l-attrici fis-somma pretiza ta’ €4,658.75 u l-unika raguni li jaghti ghan-nuqqas ta’ hlas hija l-allegata problema finanzjarja tieghu - *però jiena ma nistax intik data meta ser inhallas. Kif inkun f’posizzjoni li nista’ nhallas naghmel dan minnufih.* Tali raguni però qatt ma tista’ twassal ghac-cahda tat-talba attrici ghall-hlas u ghalhekk it-talba attrici kif diretta fil-konfront tal-konvenut tirrizulta gustifikata u konsegwentment ghandha tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenut, tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta’ €4,658.75, bl-imghax dekoribbli mit-23 ta’ Ottubru 1997 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju pprezentat kontestwalment mar-Rikors promotur, jibqghu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------